KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**32/18**

**Minuti tat-tnejn u tletin (32) Laqgħa tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar l-Erbgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku (wasal fil-5.42 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skuzat:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (baghat ittre, impenjat) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

***Aġenda:*** ***Fines' Collection***

Il-laqgħa bdiet fis-6 ta' filgħaxija.

***1 Fines' Collection***

1.1 Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill irċieva ittre urġenti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq dawn iż-żewġ dokumenti elenkati hawn isfel u, li l-Kunsill għandu jibgħat tweġiba sat-Tnejn 3 ta' Settembru 2012:

*1.1.1 A Summary of Tribunal Pending Payments covering the period between 1st Jan 2000 and 31st Aug 2011 showing the total number of tickets pending and also the amount due for each Local Council as per its Joint Committee; and*

*1.1.2 An Age Debtors Analysis for each Local Council based on tickets which were judged guilty by the tribunals, the number of months pending and also the amounts due for each Local Council.*

1.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jaħdem fuq dawn iċ-ċifri li rċievew u staqsa għas-suġġerimenti tal-Kunsillieri preżenti. Huwa ta eżempju li forsi l-Kunsill jibgħat ittra li jekk dawk il-persuni li għandhom xi ċitazzjoni pendent u, jħallsuha sal-aħħar ta' Settembru 2012, il-Kunsill jaħfrilhom €10.

1.3 Is-Sinj Mariella Micallef qalet li l-eżempju li ta s-Sindku, kien diġa' għamilha l-Gvern imma, ssuġġerhiet li jekk il-Kunsill iqabbad lil xi ħadd biex jiġborhom ikun ferm aħjar.

1.4 Is-Sindku s-Sur Anastasi saħaq li jekk il-Kunsill iqabbad avukat ser jkollhom iħallsu ħafna aktar.

1.5 Is-Sur Edwin Formosa staqsa jekk iridux jikkonsidraw ta' Santa Venera biss?

1.6 Is-Sur Charles Camilleri staqsa kemm hemm flus involuti u s-Sindku wieġeb li hemm €217, 939.45 dovuti minn 4,524 ċitazzjonijiet pendenti. Is-Sur Camilleri staqsa x'ħa jagħmlu l-Kunsilli l-oħrajn?

1.7 Is-Sur Formosa ssuġġerixxa li l-Kunsill jiktbilom biex iħallsu sa ċertu żmien, u jekk ma jħallsux, jeħlu multa.

1.8 Is-Sindku qal li dan huwa kompitu tal-Kunsill peress li issa sfaxxa il-Kumitat Konġunt u, minfloku hawn ir-Regjun u, li l-Kunsill ta' Santa Venera suppost li għandu jieħu ħsieb tiegħu biss, f'dan ir-rigward.

1.9 Is-Sindku ppropona li:

i. Nibgħatu għall-persuni biex iħallsu fi żmien stipulat
ii. Fir-rigward tal-kontravvenzjonijiet tat-traffiku ninfurmahom li jekk sa xahar jibqgħu ma jħallsux niktbu lid-Direttur tal-Liċenzi biex iżomm il-Liċenzi tagħhom sakemm iħallsu ċ-ċitazzjonijiet.
iii. Dwar iċ-ċitazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iskola s-Sindku ssuġġerixxa li nibgħatu għall-ġenituri, nkellmuhom u naraw x'jistgħu joffru bħalha ħlas u niftiehmu magħhom billi jkunu jistgħu jħallsu l-multa ftit ftit jew għallinqas jagħtu nofshom.
iv. Fuq iċ-ċitazzjonijiet rigward it-tipjip, nibgħatu għalihom u nippruvaw naqtgħu l-interessi.

1.9.1 Il-Viċi Sindku ssekkondah - 4 qablu mal-proposta (Is-Sur Anastasi, s-Sur Briffa, s-Sinj Micallef u s-Sur Formosa), wieħed ma qabilx mal-proposta (is-Sur Camilleri).

1.9.2 Il-Proposta għaddiet 4 favur, 1 kontra.

1.10 Il-Laqgħa intemmet fis-6.07 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 5 t'Ottubru 2012